**16 ta' Marzu, 1964.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Nutar Dottor Joseph Raymond Grech

versus

Onor. Prof. John Cremona B.A., LL.D., D.Litt., (Rome), B.A. Hons., (Lond.), Ph.D., (Lond.), F.R.Hist.S. fil-kwalità tiegħu ta Attorney General.

**Ċessjoni ta' Lokazzjoni — Insinwa — Art. 50 (1) u 133 Tal-Kap. 92.**

*Kuntratt ta' ċessjoni ta' lokazzjoni għal qtuħ tal-ġebel ma hix insinwabbli għax jista' jiġi kunsiderat bħala rendita ta' oġġett mobili.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmi Dottor Grech tat-18 ta' Diċembru 1963 li biħ wara li ippremetta illi in data tal-31 ta' Diċembru, 1962, l-esponent irċeva att ta' ċessjoni ta' lokazzjoni ta' għalqa biex tiġi sfruttata bħala barriera.

Illi fil-visita tal-attijiet tat-tieni semestru tas-sena 1962 il-Qorti tar-Reviżjoni tal-attijiet notarili kkundannat l-esponent għal penali ta' nofs lira u ordnatlu jinskrivi l-att għall-insinwazzjoni għaliex l-istess Qorti b'degriet tat-8 ta' Novembru 1963, ikkunsidrat illi l-att huwa suġġett għal inskrizzjoni in bażi għall-artikolu 50(1) tal-liġi Notarili (Kap. 92).

Illi l-esponenent iħoss ruħu aggravat u interpona appell lill dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa evidenti għar-raġunijiet segwenti:—

Illi l-lokazzjoni anki għal skopijiet ta' barriera ma timportax trasferiment tal-proprietà u l-anqas ta' drittijiet reali stante li hija ta' dritt personali u l-artiklu fuq imsemmi jikkuntempla "any act inter vivos transferring the ownership of immovable property or other real rights over such property."

Talab illi l-imsemmi degriet limitatament għall-imsemmija kundanna jiġi minn dina l-Onorevoli Qorti revokat bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-intimat nomine li biha qal li qabel xejn jidher opportun li l-appellant jesebixxi l-att ta' ċessjoni relativ wara li rriserva li jagħmel kwalunkwe osservazzjoni ulterjuri fil-meritu;

Rat id-dokumenti esibiti;

Ħadet konjezzjoni tal-proċedura;

Trattat l-Appell.

Mill-atti tal-proċedura in kwistjoni jirriżulta li n-Nutar rikorrenti fil-31 ta' Diċembru 1962 ippubblika att li minnu jidher li l-komparenti f'daka l-att, Carmelo Sammut biegħ u trasferixxa mill-jum tal-att il-quddiem lill-komparenti l-ieħor Anthony Theuma, li aċċetta jixtri u jakwista, nofs ndiviż mill-qbiela (gabella) tal-art imsejħa "tar-Kamilja" limiti tal-Ħal-Kirkop f'daka l-istess att ndilata bil-kapa-

ċita u konfini tagħha u li kienet qegħda tiġi sfruttata bħala barriera, liema art kienet ġiet imqabbla lill-venditur flimkien ma ċertu Benedetto Theuma mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta bil-Kuntratt hemm ukoll imsemmi lil-blat imsemmi fl-istess qbiela nkluż fl-istess bejgħ it-truck numru 27034 tal-marka "Bedford Perkins" b'mod tali li l-istess Anthony Theuma kellu jidħol f'dak kollu li kellu l-komparenti Sammut flimkien ma ħu l-istess kompratur fuq imsemmi. Il-bejgħ sar bil-prezz mħallas fuq l-att tas-somma ta' mitejn u għoxrin lira (£220) u bid-dikjarazzjoni espressa mill-parti tal-kompratur li huwa kien jaf bil-pattijiet kollha stipulati bejn il-Kurja u Sammut u Benedetto Theuma u bl-assunzjoni ta' l-obligu li jonora dawk l-istess patti u b'dikjarazzjoni oħra mitluba mil-liġi u tal-boll u l-ispejjeż li ma jinteressawx il-kwistjoni odjerna.

Illi meta dana l-kuntratt ġie quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-attijiet notarili preseduta minn maġistrat wieħed, l-att imsemmi, li kien iġib in-numru ta' ordni 144 fil-minutarju u li ġie ikkwalifikat bħala ċessjoni ta' lokazzjoni ġie ritenut bħala trasferiment ta' proprietà jew aħjar bħala trasferiment ta' dritt reali u fid-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 1963 u fuq l-allegat nuqqas li n-Nutar appellanti ma ppreżentax in-nota tal-insinwazzjoni tiegħu, liema insinwazzjoni, milli jidher, ma saritx in forza ta' l-artiklu 50(1) u 133 tal-Kap. 92 l-istess nutar ġie kundannat għall-amenda ta' għaxar xelini (10/-).

Ikkunsidrat:—

Illi skond l-artikolu 50(1) tal-Kap. 92 il-liġi timponi lin-Nutari Pubbliċi l-obbligu li fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-dati tal-atti li hija issemmi f'daka l-istess artikolu. li jagħtu nota lid-Direttur tar-Reġistru Publiku ċioe dika li

komunement tissejjaħ fil-parlata ta' kuljum mil-legali bħala l-insinwazzjoni ta' dawk l-istess atti. L-att "dequo agitur" ġie ritenut mill-Qorti li minnha hemm appell li jidħol taħt l-ittra (a) ta' daka l-istess artiklu fuq ċitat u ċioe "att inter vivos" li jittrasferixxi l-proprietà ta' immobbili sew jeddijiet reali fuq dik il-proprietà.

Illi mhux ozjuż li jingħad preliminarment li l-oġġett tal-kuntratt in diskussjoni hija parti indiviża ta' biċċa art gabellata intiża "għall-isfruttament bħala barriera" naturalment tal-ġebel jew taż-żrar u dina il-Qorti qiegħda tagħmel dina il-presuppuzjoni l-għaliex fil-kuntratt in kwistjoni ma jingħad xejn hux ta' ħaġa jew oħra minn dawk il-materji imma liema skop ma jalterax il-kwistjoni li sorġjet, b'dana li daka l-isfruttament għandu ikun konformi għall-kuntratt oriġinali magħmul mill-venditur u ħaddieħor mal-konċedenti permezz tan-Nutar Joseph Spiteri (recte) Salvatore Abela xi tliet snin qabel l-att in kwistjoni, liema indikazzjoni ta' żmien għandu aktar konettament u kellu jkun is-17 ta' Ottubru 1950 skond id-dokument preżentat mir-rikorrenti llum stess.

Illi dana l-att ġie nomenklat min-Nutar appellanti bħala "ċessjoni ta' lokazzjoni" imma il-ġjurisprudenza tagħna ġeneralment tinklina biex tirritieni dak l-istess kuntratt bħala vendita (ara Vol. XXXI P. III p. 167 — XVIII P. I p. 81 — XXVI P. I p. 488 — XIX P. I p. 7 ara kontra l-unika sentenza tal-kollezzjoni fil-Vol. III p. 514 fejn l-att ġie imsemmi bħala lokazzjoni imma għandu jiġi notat li ma ġietx solevata u diskussa il-kwistjoni tal-karattru taloperazzjoni).

Illi in sosten tal-ġjurisprudenza tagħna li tikkunsidra dina l-operazzjoni bħala vendita jista' jingħad li mentri fil

kuntratt lokatizju il-ħaġa lokata "in eodem statu maneat" mentri fil-kuntratt fejn jiġi pattwit il-qtugħ tal-ġebel s-sostanza tal-ħaġa tiġi b'mod ċar mutata u l-istess ma tibqax immutata bħal fil-każ ta' kiri u kwindi huwa ġuridikament eżatt li jingħad li ċ-ċessjoni tad-dritt tal-qtugħ tal-ġebel huwa in każi għalhekk ritenut xi drabi vendita.

Illi jibqa' għal din il-Qorti tgħid jekk l-operazzjoni tista' tkun vendita, hijiex vendita ta' immobbili jew vendita ta' oġġett mobili għar-raġuni evidenti imħabba il-kwistjoni li għandha tiġi riżoluta minn dina l-Qorti.

Illi fl-artiklu 345 tal-Kodiċi Ċivili nostrali huma indikati l-ħwejjeġ li għandhom il-karattru ta' immobili minnhom infushom u, fost dawk il-ħwejjeġ taħt l-ittra (e) tal-istess artikolu jidħlu "il-frottijiet ta' l-art jew tas-siġar sakemm m'humiex maqtugħa mill-art jew maqtugħa mis-siġar" u biex il-leġislatur tagħna jikkompleta dak li qal fl-artiklu u inċiż imsemmija fis-sezzjoni 346 ried u ħaseb li l-ħwejjeġ hemm indikati "isiru beni mobbli malli jiġu distakkati mill-art u mis-siġra anki jekk ma jkunux ġew trasportati bnadi oħra kif ukoll iddispona li iżda il-frottijiet ta' l-art jew siġar, ukoll qabel ma jiġu maqtugħa, jitqisu bħala mobili għall-finijiet ta' l-artiklu 289 tal-Kap 15, kif ukoll meta huwa l-oġġett ta' bejgħ jew ta' xi trasferiment ieħor bħala ħwejjeġ magħżula mill-art jew mis-siġar, li għandhom ikunu mifruda minnhom, liema dispost ma jsibx eċċezzjonalment ostakolu mill-art. 1431 (ċ) tal- Kodiċi Ċivili. Taħt dina l-ipotesi l-ħwejjeġ tan-natura immobbilizzati isiru mobili u ma jibqgħux suġġetti għall-inskrizzjoni imposta u maħsuba fl-artikolu 1039 tal-Kodiċi Ċivili nostrali (ara anki f'dana s-sens Caltaneo e Borda — commento al Codice Civile Italiano del 1865 pag. 1525 u in partikolari pagina 1528.)

Illi l-artikolu 345 Kap 23 jixbah lill-artikolu 411 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865 u l-artikolu 520 u 521 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż li nonostanti d-diċitura ta' dawn l-aħħar imsemmija jidħlu anki il-prodotti tal-art skond il-Kommentaturi ta' dak il-Kodiċi.

Illi fid-Dottrina Taljana kif ukoll fid-Dottrina Franċiża fuq dina l-kwistjoni hemm indubbjament dissensi u naturalment il-ġjurisprudenza ta' dawn il-pajjiżi rriżentiet minn dana d-disakkord barra minn meta il-ġjudikatura ġiet imsejħa biex tid-diskuti kwistjonijiet simili in vista tad-dritt fiskali l-għaliex allura il-kuntratt ta' bejgħ ta' prodotti tal-art ġie kostantement kwalifikat bħala bejgħ kif jidher minn ħafna sentenzi (fosthom cassazzjoni Ruma tellatx (13) ta' Settembru 1878 — idem tmienja (8) ta' Frar 1879 Corte Suprema 1879 paġ. 211 — cass, Torin seba' (7) ta' Ġunju 1878. (Ġjurisprudenza Torinese 1878 paġ. 544) — Cassżni Franċiża tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 1878 (Dalloz. 57; 1 p. 391) — idem sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 1844 (Annee 1847; 1 p. 80) Tribunali tas-sena 1862 (Dalloz 1862; 3, p. 71.)

Illi in-konsegwenza il-konċessjoni tal-prodotti tal-art, bħal ma huma il-qtugħ tal-ġebel ta' barriera, jekk hekk tkun l-intenzjoni tal-partijiet li tiddesumi ruħa miċ-ċirkostanzi jew klawsoli tal-kuntratt — ħaġa li tista' tiġi apprezzata mill-ġjudikant (ara (ċass; għaxra (10) ta' April 1934 in re Bonaci — Banso vs. Pino ċitata mir-Repertorju Annwali Volum XXXVII — 1935 paġina 595 Vuċi "Miniere e cove" No. 17) tista' ukoll tiġi determinata bħala ta' karattru ta' bejgħ ta' ħaġa mobili flok lokazzjoni ta' immobbili. Fi kliem ieħor sabiex tiġi determinata n-natura ġjuridika tal-kuntratt ta' skavazzjoni jew qtugħ ta' ġebel minn barriera anki skond il-Gza. Taljana ġie stabilit li l-prinċipju kardinali huwa li anke l-Qorti tħares għad-determinazzjonijiet

astratti għandha teżamina, fil-każ devolut għall-eżami u determinazzjoni tagħha, lejn is-singoli patti u l-modalitajiet konkreti tal-istess kuntratt intervenut bejn il-kontendenti li jirrikorru għall-ġjudizzju tagħha. (ara Repertorio Annuale Anno 1957 Vuċi "Miniere e Cove" paġna 2314 Annu LIX numru 18 Appell Genova sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 1955 Porcella — Zeraga ed altri — Rivista Dir. Min: 1957, 44 (nota) u Fadda art. 1568 numero 1. Cass. Torino erba' u għoxrin (24) ta' April 1917 Redaelli vs. Ghazzi; Giur. Torino 1917, p. 789 — u art. 1569 numeri 26 u 27).

Illi minn dana jitnissel li sew jekk il-kuntratt "dequo agitur" jiġi kkunsidrat li għandu bħala natura ġjuridika dika ta' lokazzjoni jew ċessjoni ta' lokazzjoni ta' immobili sew jekk jiġi kkunsidrat bħala kuntratt ta' bejgħ ta' ħaġa mobili l-istess ma jistax jaqa' taħt it-trasferimenti ta' drittijiet reali jew ta' trasferiment ta' immobili u kwindi ma kienx suġġett għan-nota lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kif kien maħsub fl-artikolu 50(1) Kap 92.

Għal dawn il-motivi:—

Taqta u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka d-degriet tal-Qorti tar-Reviżjoni Notarili tat-tmienja (8) ta' Novembru 1963 inkwantu rriteniet li kien hemm kontravenzjoni fl-att indikat taħt in-numru II ta' dak l-istess degriet u konsegwentement tħassar il-penalita li għaliha r-rikorrent ġiet kundannat.

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-intimat nomine.